

DEĊIŻJONI (UE) 2016/253 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tal-25 ta' Novembru 2015****dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għal miżuri baġitarji immedjati biex tiġi indirizzata l-kriżi tar-refuġjati**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt 12 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ⁽²⁾ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 471 miljun (prezzijiet tal-2011) biex jiġi permess il-finanzjament ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tiġi ffinanzjata fi ħdan il-limiti massimi disponibbli għal intestatura waħda jew aktar.
- (2) Minħabba l-ħtiġijiet urġenti, huwa meħtieġ li jiġi mmobilizzat ammont addizzjonali importanti għall-finanzjament ta' miżuri biex itaffu l-kriżi tal-migrazzjoni u r-refuġjati.
- (3) Wara li eżaminaw il-possibilitajiet kollha għar-riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet taħt il-limiti massimi tan-nefqa għall-intestatura 3 (Sigurtà u Ċittadinanza) u għall-intestatura 4 (*Ewropa Globali*), jidher li huwa meħtieġ li jiġi mmobilizzat l-Istrument ta' Flessibilità biex jikkomplementa l-finanzjament fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, b'EUR 1 506 lil hinn mill-limiti massimi tal-intestatura 3 u b'EUR 24 miljun minn dawk tal-intestatura 4 biex jiġu ffinanzjati miżuri fil-qasam tal-migrazzjoni u r-refuġjati. L-ammonti annwali mhux użati disponibbli għall-Istrumenti ta' Flessibilità għas-sena finanzjarji 2014 u 2015 għandhom jintużaw għal din il-mobilizzazzjoni.
- (4) Abbażi tal-profil tal-pagament mistenni, l-appropriazzjonijiet ta' pagament li jikkorrispondu għall-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għandhom jitqasmu fuq diversi snin finanzjarji u huma stmati għal EUR 734,2 miljun fl-2016, EUR 654,2 miljun fl-2017, EUR 83,0 miljun fl-2018, u EUR 58,6 miljun fl-2019,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, l-Istrument ta' Flessibilità għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 506 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn fl-intestatura 3 (*Sigurtà u Ċittadinanza*) u EUR 24 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn fl-intestatura 4 (*Ewropa globali*).

Dawk l-ammonti għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw miżuri għall-immaniġġar tal-kriżi tar-refuġjati.

2. Abbażi tal-profil tal-pagament mistenni, l-appropriazzjonijiet ta' pagament li jikkorrispondu għall-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità se jkunu kif ġej:

- (a) EUR 734,2 miljun fl-2016;
- (b) EUR 654,2 miljun fl-2017;

⁽¹⁾ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-sena 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

(c) EUR 83,0 miljun fl-2018;

(d) EUR 58,6 miljun fl-2019.

L-ammonti speċifiċi għal kull sena finanzjarja għandhom jiġu awtorizzati fkonformità mal-proċedura baġitarja annwali.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Strasburgu, il-25 ta' Novembru 2015.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

N. SCHMIT
